# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **5 TA' AWWISSU 2018**

**L-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Awżiljarju l-ġdid ta' Malta**

Illum is-Sibt, 4 ta' Awwissu, ser issir l-ordinazzjoni episkopali tal-Isqof Awżiljarju l-ġdid ta' Malta, Mons. Joseph Galea-Curmi, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa tibda fis-7:00 ta' filgħaxija u ser titmexxa mill-Arċisqof Charles J. Scicluna.

**Żewġ familji mill-*Communità Abramo* ser ikunu residenti fostna matul ix-xahar ta' Awwissu.**

Illum is-Sibt 4 ta' Awwissu 2018 jaslu fostna żewġ familji li ser ikunu fostna matul ix-xahar ta' Awwissu mill-Communità Abramo minn Milan. Huma ser jaqsmu wkoll l-esperjenzi tagħhom magħna, kif ukoll ser jagħmlu xi *home visits*.

**Dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa**

Għada l-Ħadd 5 ta' Awwissu 2018 fid-9:15am quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-niċċa.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tlieta 7 ta' Awwissu 2018 fis-7:00pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fil-Villa Apap Bologna.

**Quddiesa fit-9:00am**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Legion of Mary**

Bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija, il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 2018, il-Grupp tal-Legion of Mary ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna li toħroġ mill-knisja parrokkjali sal-bandli u nerġu lura lejn il-knisja. Matul il-purċissjoni nitolbu t-talba tar-Ružarju.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 67 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 11 ta' Awwissu 2018 fil-Knisja ta' San Franġisk, Birkirkara fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Awwissu 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.